# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Lulju, 2017**

**Talba Nru: 39/2017 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Simon Robert Birch**
**(ID Nru. 0113801(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-24 ta' Jannar, 2017 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u hdax-il euro u zewg centezmi (€711.02) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40229464 liema somma il-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li gie debitament interpellat, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezenti rikors.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-13 ta’ Lulju, 2017 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-13 ta’ Lulju, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta’ attrici is-somma ta’ seba’ mija u hdax-il euro u zewg centezmi (€711.02) in konnessjoni ma’ servizzi elettronici ta’ komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta’ attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40229464, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezenti rikors kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**